TESS
TERTIARY EDUCATION SCHOLARSHIPS SCHEME

# Skema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja
# TESS - Regolamenti 2020

**13 ta' Lulju 2020 – 31 ta' Lulju 2020**
**Nofsinhar - Ħin Lokali**

**Din l-iskema hija amministrata mit-Taqsima tal-Boroż ta' Studju fi ħdan**
**il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**

# Werrej


1. Daħla ..... 3
2. Miri u Oġġettivi ..... 3
3. Noti ta' Spjega ..... 3
4. Eliġibbiltà ..... 8
5. Il-Mandat u Lokazzjoni ..... 11
6. Għażla ta' Istituzzjoni ..... 11
7. Amministrazzjoni ta' Skema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja ..... 12
8. Applikazzjonijiet ..... 12
9. Eliġibbiltà, Proċess ta' Għażla u Proċedura ..... 14
10. Kriterji tal-Għażla ..... 15
11. Tipi ta' Boroż ta' Studju u l-Valur tal-Għotjiet ..... 16
12. Għotjiet Addizzjonali ..... 19
13. Kundizzjonijiet oħra ġenerali għal din l-għotja ..... 222
    Fażi ta' Għotja Proviżorja ..... 232
    Fażi ta' Għoti bil-Kuntratt ..... 233
    Progress u Tkomplija ..... 244
14. F'każ li l-Studju Jintemm Qabel it-Tlestija ..... 255
15. Informazzjoni ..... 266
16. Skeda I ..... 277

## 1. Daħla

1.1 L-iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja (TESS) hija maħsuba li tappoġġja edukazzjoni terzjarja ta' kwalità fil-livelli 7 u 8 tal-Qafas Malti għall-Kwalifiki (QMK), u li tfittex li tipprovdi s-suq tax-xogħol Malti b'individwi b'ħiliet. L-iskema għandha l-għan li tappoġġja lil dawk li jsegwu din it-triq biex jirnexxu kemm fil-livell tal-kisba tal-edukazzjoni kif ukoll li jkunu kapaċi jagħtu kontribut effettiv fl-ekonomija.

1.2 L-edukazzjoni post-gradwatorja tifforma parti dejjem akbar fl-aġenda ekonomika u soċjali ta' kwalunkwe pajjiż billi tħaġġeġ individwi jkomplu bl-istudji professjonali tagħhom.

1.3 L-iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja, li għandha l-għan li tindirizza l-oġġettivi msemmija hawn fuq, hija ffinanzjata minn fondi nazzjonali.

## 2. Miri u Oġġettivi

2.1 L-għanijiet ewlenin tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni – TESS huma li:

- Tipprovdi opportunitajiet finanzjarja għan-nies biex isegwu programmi ta' studju ta' edukazzjoni ogħla;
- Tassisti lin-nies biex isegwu iktar livelli ta' riċerka akkademika;
- Ittejjeb il-kwalità u r-relevanza tal-programmi ta' studju fir-rigward tar-rekwiżiti tal-industrija;
- Jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet partikolarment fis-setturi ekonomiċi ta' prijorità; u
- Tappoġġja iktar riċerka fix-xjenza u t-teknoloġija.

## 3. Noti ta' Spjega

3.1 **Rekord Akkademiku** huwa dokument uffiċjali maħruġ minn Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta. Dan id-dokument għandu juri l-marki / gradi miksuba mill-applikant u, fejn hija n-norma, il-grad / klassifikazzjoni finali.

3.2 **Ftehim** huwa dokument li jorbot legalment, iffirmat mill-persuna li ngħatat il-Borża ta' Studju bħala benefiċjarju, u t-Taqsima responsabbli mill-Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Dan id-dokument irid jiġi ffirmat mill-benefiċjarju bħala dik il-persuna li qiegħda tibbenefika mill-Borża ta' Studju. Dawn ir-Regolamenti għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mill-Ftehim. Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur minn wara l-bidu tal-kors ta' studji jew mill-pubblikazzjoni tal-klassifika (*Ranking Order*), skont liema tiġi l-aħħar, sakemm ma jkunx hemm ġustifikazzjoni ulterjuri.

L-ammonti monetarji murija fil-Ftehim għandhom jitħallsu biss wara li d-dokumentazzjoni meħtieġa (fatturi, irċevuti u kwalunkwe dokument ieħor relevanti) tkun sottomessa u vverifikata għall-fini ta' eliġibilità u korrettezza. Fil-każ ta' xi inkonsistenza jew diskrepanza bejn il-Ftehim u dawn ir-Regolamenti, dawn ir-Regolamenti għandhom jipprevalu fil-każijiet kollha u l-Ftehim għandu jiġi rivedut skont id-diskrepanza u l-inkonsistenza sabiex jaqbel ma' dawn ir-Regolamenti.

3.3 **Applikant** hija persuna li tissottometti applikazzjoni għal Borża ta’ Studju.

3.4 **Benefiċjarju** huwa l-applikant li qed jingħata l-Borża ta’ Studju.

3.5 **Il-Korp li jipprovdi l-Għoti tal-Kwalifika** jirreferi għal organizzazzjoni rikonoxxuta mill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali rilevanti, li l-iskop tagħha hu li tagħti kwalifiki akkreditati.

3.6 ***Bench Fees*** għandhom ifissru ħlasijiet imposti minn Istituzzjonijiet Edukattivi Rikonoxxuti, li jirriflettu spejjeż edukattivi relatati mal-eżekuzzjoni ta’ studji jew attività ta' riċerka, iżda li mhumiex koperti mill-miżati ta’ tagħlim.

Dawn l-ispejjeż m’għandhomx ikunu relatati (iżda mhux limitati) għall-manutenzjoni ġenerali, ivvjaġġar, attendenza għal konferenzi (inklużi l-miżati tar-reġistrazzjoni), xiri ta’ kotba, reġistrazzjoni għall-aċċess għal-libreriji, użu jew xiri ta' kompjuter / laptops, hard disks, tariffi tal-enerġija, assigurazzjoni tas-saħħa, sħubija tal-isports jew spejjeż tal-għajxien / salarji personali tal-benefiċjarju.

Fil-każ ta’ *Bench Fees* li jaqbżu l-ħames mitt euro (€500), lista dettaljata tal-ispejjeż għandha tiġi provduta mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta, qabel l-iffirmar tal-Ftehim ta’ Boroż ta' studju (skont il-klawżola 3.2). Spejjeż tekniċi BISS relatati direttament mal-programm / kors mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta huma eliġibbli. F’każ ta’ nuqqas mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta u / jew mill-persuna li tirċievi l-għotja li jipprovdi lista dettaljata tal-ispejjeż, jipprekludi lill-Bord mill-obbligu li jonora kwalunkwe talba għal ħlasijiet ta’ *Bench Fees*. *Bench Fees* għandhom jiġu ddikjarati bil-miktub fl-Ittra ta’ Aċċettazzjoni bla Kundizzjonijiet (ULA). Kwalunkwe żieda fil-*Bench Fees*, jew *Bench Fees* addizzjonali, ma jistgħux jintalbu mill-persuna li tirċievi l-Għotja ta’ borża ta’ studju jew mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta jekk dawn ma jkunux inkluża fl-ULA sottomessa sad-data tal-għeluq.

3.7 **Id-data tal-bidu tal-Borża ta’ Studju** hija d-data kif tidher fl-Ittra ta’ Aċċettazzjoni bla Kundizzjoni li hija d-data uffiċjali ta’ meta jibda programm / kors ta' studju li minna jindew jingħataw il-ħlasijiet.

3.8 **Data tat-Tlestija** (Completion date) hija d-data meta jitlesta l-programm / kors ta’ studju u r-riżultat finali jiġi ppubblikat.

3.9 **It-Tul tal-Kors** jirreferi għat-tul totali tal-programm / kors ta’ studju kif stabbilit mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta. Meta ma tkoprix ix-xhur sħaħ, il-Borża ta’ Studju tiġi kkalkulata *pro rata* sal-eqreb xahar.

3.10 **ECTS** hija s-Sistema Ewropea ta’ Trasferiment ta' Kretti.

3.11 **Data tat-Tmiem** hija l-aħħar ġurnata tal-programm / kors ta’ studju kif speċifikat fuq l-Ittra ta’ Aċċettazzjoni bla Kundizzjoni jew fuq l-Ittra ta’ Reġistrazzjoni, kif maħruġa mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta, skont liema data tkun l-aktar kmieni. Il-Borża ta’ Studju tiġi kkalkulata fuq il-perjodu mid-**Data tal-Bidu** (Start date) sad-**Data tat-Tmiem (End date)**.

3.12 **Studji fuq bażi *full-time*** għandhom ifissru studji li jsiru fiżikament *full-time* fuq il-kampus tal-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta. Dan jeskludi t-tagħlim jew studju minn kwalunkwe post ieħor li mhux indikat bħala parti mill-kampus ta' dik l-Istituzzjoni Edukattiva. Il-Bord jista' jitlob lill-Istituzzjoni Edukattiva tikkonferma l-preżenza fiżika u t-tul taż-żmien li l-benefiċjarju qiegħed jattendi fuq il-kampus.

3.13 **Programmi ta' tagħlim *full-time / Distance Learning*** L-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta għandha tinforma lit-Taqsima responsabbli mill-Iskema ta' Boroż tal-Edukazzjoni Terzjarja dwar liema parti mill-programm ta' studju li tkun se ssir fuq il-kampus u liema parti tkun se ssir fuq bażi ta' *Distance learning*. Jekk l-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta ma tipprovdix din l-informazzjoni fi żmien ġimagħtejn minn wara li tkun ġiet notifikatat mill-Bord, il-kors ta' studju għandu jitqies bħala wieħed fuq bażi ta' *Distance Learning*. Għal definizzjoni ta' studji fuq bażi *full-time* ara Klawżola 3.12 ta' dawn ir-Regolamenti.

3.14 ***ISCED*** hija Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni.

3.15 **Lawrja Konġunta** hija lawrja maħruġa minn tal-inqas żewġ Istituzzjonijiet Edukattivi li joffru programm integrat u rikonoxxut uffiċjalment fil-pajjiżi fejn jinsabu l-istituzzjonijiet li jagħtu l-lawrja. Għall-fini ta' dawn ir-Regolamenti, meta applikant japplika għal Lawrja Konġunta, għandha tiġi identifikata Istituzzjoni ewlenija. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja jirrikonoxxi Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta waħda biss.

3.16 **Għotja ta' Manteniment** hija għotja li tingħata bħala parti mill-Boroż ta' Studju skont il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti u fil-Ftehim sabiex tikkontribwixxi għall-ispejjeż għall-għajxien ta' min qiegħed jirċievi l-borża ta' studju.

3.17 ***Malta Government Undergraduate Scheme*** (MGUS) tipprovdi għotja lill-istudenti li jsegwu korsijiet fil-Livell 5 tal-QMK li jwasslu għal-Livell 6 tal-QMK f'Istituzzjonijiet Edukattivi lokali approvata u Istituzzjonijiet Edukattivi barranin rikonoxxuti.

3.18 ***QMK - Il-Qafas Malti għall-Kwalifiki*** (MQF) huwa l-qafas ta' traduzzjoni li jiffaċilita l-proċess li bih kwalifiki nazzjonali jkunu rikonoxxuti ukoll madwar l-Ewropa. Dan jippromwovi u jtejjeb il-mobbiltà tal-ħaddiema u tal-istudenti bejn il-pajjiżi u jiffaċilita t-tagħlim tul il-ħajja tagħhom.

3.19 **Kwalifika f'Livell 7 tal-QMK** hija kwalunkwe kwalifika akkreditata fil-Livell 7 tal-Qafas Malti għall-Kwalifiki mill-MQRIC fi ħdan l-NCFHE.

3.20 **Kwalifika f'Livell 8 tal-QMK** hija kwalunkwe kwalifika akkreditata fil-Livell 8 tal-Qafas Malti għall-Kwalifiki mill-MQRIC fi ħdan l-NCFHE.

3.21 **MQRIC** huwa ċ-Ċentru ta' Informazzjoni għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki f'Malti fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE).

3.22 **NCFHE** hija l-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

3.23 ***Per Annum*** hija tnax-il (12) xahar kalendarju. Meta kors ikollu tul ta' żmien, pereżempju disa' (9) xhur kalendarji, kemm l-għotja tal-borża ta' studju kif ukoll l-għotjiet addizzjonali għandhom jiġu kkalkulati *pro rata,* fuq dak in-numru ta' xhur.

3.24 **Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta** hija Istituzzjoni għall-Edukazzjoni Ogħla jew Korp ta' Għoti tal-kwalifiki li jkun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż fejn l-istituzzjoni hija rreġistrata u rikonoxxuta reċiprokament mill-NCFHE (fil-każ ta' istituzzjonijiet barranin) jew Istituzzjoni Edukattiva rreġistrata lokalment akkreditata minn NCFHE.

3.25 **Bord tal-Appelli ta' Boroż ta' Studju** huwa Bord maħtur mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, fdat bl-assessjar u l-għoti ta' deċiżjonijiet finali ta' appelli mressqa mill-applikanti, fejn ikunu qed jikkontestaw deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ta' Edukazzjoni Terzjarja u / jew it-Taqsima tal-Boroż bħala l-Iskema ta' dwar l-interpretazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti. Deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-Appell għandhom jitqiesu finali u rrevokabbli, għall-finijiet u l-intenzjonijiet kollha ta' din l-Iskema.

3.26 **Għotja għal Studju Barra minn Malta** hija għotja addizzjonali ta' elfejn u ħames mitt ewro (€ 2500) li tingħata lill-benefiċjarji li jkunu qegħdin jistudjaw barra mit-teritorju Malta fuq bażi *full-time*, li jkunu qegħdin jistudjaw fuq il-kampus f'Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta matul il-kors kollu tal-programm jew kors tagħhom. Formola ta' konferma tar-residenza għandha timtela' mill-benefiċjarji kollha biex jikkonfermaw il-post fejn l-istudji u / jew ir-riċerka qegħdin jew ser isiru. Meta benefiċjarju li jistudja barra minn Malta jagħmel parti mill-istudji tiegħu f'Malta, l-Għotja għal Studju Barra minn Malta titħallas fuq bażi *pro rata*.

Barra minn hekk, benefiċjarji li qegħdin jistudjaw fuq bażi *part-time* jew *b'distance learning* huma intitolati għal għotja ta' mitejn ewro (€200) għal kull żjara barra l-pajjiż sa massimu ta' elfejn u erba' mija ta' ewro (€ 2,400) fuq perjodu ta' 12-il xahar. Din l-għotja titħallas biss mal-preżentazzjoni tal-*Boarding passes* relatati u konferma mill-Istituzzjoni Edukattiva rispettiva.

3.27 **TESS** hija l-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja għall-finijiet ta' dawn ir-Regolamenti, u l-Ftehim. Hija skema ta' Boroż ta' Studju amministrata mit-Taqsima għall-ta' Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

3.28 **Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja** (TESS Board) huwa Bord maħtur mill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Dan il-Bord huwa fdat bl-evalwazzjoni u bl-għażla kategorika tal-applikanti għall-għoti ta' Borża ta' Studju, u għas-sorveljanza tal-iskema.

3.29 **Traskrizzjoni** hija l-istess bħal Rekord Akkademiku.

3.30 **Miżati ta' Tagħlim** huma miżati ta' applikazzjoni, amministrazzjoni, reġistrazzjoni u / jew eżamijiet mitluba minn Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta sabiex l-applikanti jsegwuprogramm f'Livelli 7 jew 8 tal-QMK. Il-miżati għat-tagħlim koperti għandhom ikunu dawk indikati direttament minn Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta fuq l-ULA. Kwalunkwe żieda sussegwenti fil-Ħlasijiet għat-Tagħlim ma tistax tintalab mill-

Benefiċjarji jew mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta jekk ma tkunx inkluża fil-ULA sottomessa sad-data speċifikata f'dawn ir-regolamenti.

3.31 **Ittra ta' Aċċettazzjoni Bla Kundizzjonijiet (ULA)** hija ittra maħruġa mir-Reġistratur (jew minn delegazzjoni ta' awtorità) tal-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta li għandu jkollha d-dettalji li ġejjin:

- Dikjarazzjoni ċara mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta li qiegħda taċċetta **mingħajr l-ebda kundizzjoni** lill-applikant biex isegwi programm speċifiku ta' studju akkreditat;
- **Id-data tal-Bidu** tal-programm ta' studji rikonoxxut. Meta ma tiġix speċifikata data, l-aħħar ġurnata tax-xahar imsemmija fil-ULA tiġi kkunsidrata;
- **Id-data tat-Tmiem ta' programm ta' studji** rikonoxxut (li tfisser meta l-programm ta' studji huwa mistenni li jitlesta), jew it-tul tal-kors;
- **Il-Modalità tal-Istudju** (jiġifieri jekk humiex tagħlim provdut fuq bażi *full-time, part-time* jew *distance learning*;
- **In-Numru ta' Kretti / Numru ta' ECTS** li għandhom x'jaqsmu mal-programm ta' studju;
- **In-numru ta' attendenzi obbligatorji fuq il-kampus** fejn l-applikant ikun jeħtieġ li jattendi fiżikament fuq il-kampus. (Dan hu meħtieġ biss fil-każ ta' applikanti li qegħdin isegwu programmi ta' studju fuq bażi *part-time / distance learning* ma Istituzzjoni rikonoxxuti barra t-territorju Malti). In-numru ta' drabi li l-benefiċjarju jrid jattendi fiżikament fil-kampus għandu jkun indikat bħala ammont kull sena jew bħala ammont tul il-kors ta' studju kollu.
- **Il-Miżati għat-Tagħlim** (jekk applikabbli), għandhom ikunu indikati fil-ULA u mhux permezz ta' link elettroniku. L-applikant għandu jinnota li l-ftehim li se jiġi ffirmat aktar tard (jekk il-Borża ta' Studju tingħata) għandu jinkludi biss l-informazzjoni li hemm fil-ULA. It-Taqsima ta' Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol m'għandhiex taċċetta emendi għall-ftehim ħlief dawk li jirriflettu l-informazzjoni u / jew id-data ddikjarata b'mod ċar fl-Ittra ta' aċċettazzjoni bla kundizzjonijiet oriġinali li tkun ingħatat sad-data tal-għeluq;
- *Bench Fees (*Jekk applikabbli)
- Informazzjoni oħra li tkun meħtieġa li tintalab mill-SMGSU

Huwa d-dmir tal-applikanti li jaraw li:

- Meta jagħżlu Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta, din l-istituzzjoni tkun f'pożizzjoni li toħroġ l-Ittra ta' Aċċettazzjoni Bla Kundizzjonijiet (ULA) bid-dettalji kollha msemmija hawn fuq.
- L-ULA hija fil-forma ta' ittra oriġinali, iffirmata mir-reġistratur tal-Università (jew awtorità għolja ddelegata). Kopji skennjati, PDF jew f'formati oħra trasmessi elettronikament għandhom jiġu aċċettati PROVIŻORJAMENT skont Klawżola 6.2 sakemm it-Taqsima ta' Boroż ta' Studju ma jirċevihomx direttament mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta. Jekk le, il-kopja oriġinali tal-ULA għandha tiġi ppreżentata qabel l-iffirmar tal-ftehim.
- Fil-każ li l-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta toħroġ biss kopji elettroniċi tal-ULA, dan id-dokument għandu jiġi indirizzat direttament mill-Istituzzjoni lill-Uffiċċju tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Edukazzjoni Terzjarja. Kopji tal-ULA mgħoddija bl-iscanner jew mibgħuta lill-applikant m'għandhomx jiġu aċċettati.

- L-ebda spiża addizzjonali m'għandha tiddaħħal fil-Ftehim ħlief dik iddikjarata fil-ULA.
- L-applikanti kollha huma obbligati li jissottomettu ULA sa, **nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020 sa mhux aktar tard mill-4.00 ta' waranofsinhar (Ħin lokali).**

## 4. Eliġibbiltà

4.1 Sabiex japplikaw għall-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja, l-applikanti għandhom sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni tal-Iskema TESS:

4.1.1 (a) ikunu ċittadini Maltin li ilhom joqogħdu f'Malta għall-aħħar ħames (5) snin. Jekk ċittadini Maltin kienu jgħixu barra minn Malta għal skop ta' studju, saħħa jew xogħol jew xi skop ieħor li l-Bord tal-Iskema ta' Boroż tal-Edukazzjoni Terzjarja jista' jikkunsidra, xorta jkunu eliġibbli sabiex japplikaw. Dan il-perjodu ta' żmien ma jiġix ikkalkulat mal-ħames (5) snin ta' residenza f'Malta rekwiżiti kif mitluba mill-Iskema; jew

(b) ikunu ċittadini Maltin li huwa ħaddiema jew persuni li jaħdmu fuq bażi ta' *self-employed* f'Malta; jew

(ċ) ikunu ċittadini ta' stat tal-UE / ŻEE (Żonż Ekonomika Ewropea) jew membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE / ŻEE (kif definit f'L.S. 460.17 u f'L.S 217.04 rispettivament għal ċittadini tal-UE u ŻEE), sakemm dawk il-persuni jkunu kisbu residenza permanenti f'Malta skont L.S 460.17 u L.S. 217.04 rispettivament għaċ-ċittadini tal-UE u tal-ŻEE;

(d) ikunu ċittadini ta' stat tal-UE / ŻEE li jkunu f'Malta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala ħaddiema, persuni li jaħdmu fuq bażi ta' *self-employed* jew persuni li jżomm dan l-istat skont S.L. 460.17; jew

(e) ikunu ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu ngħataw stat ta' residenza fit-tul taħt L.S.217.05.

4.1.2 L-applikanti jistgħu japplikaw biex issegwu programm ta' studju fil-livell 7 tal-QMK li huwa itwal minn sentejn (24 xahar) jew japplikaw għal programm ta' studju f'livell 8 tal-QMK. (Ara Tabella Nru. 1 ta' dawn ir-regolamenti.

4.1.3 L-applikanti jistgħu japplikaw **biss** biex isegwu kwalifika f'livell ogħla mill-kwalifika li diġà għandhom. L-applikanti ma jridx ikollhom kwalifika fl-istess livell ta' dak li qegħdin japplikaw għalih taħt din l-iskema. Għalhekk, l-applikanti għandhom japplikaw għal kwalifika ta' livell ogħla minn dik diġà miksuba.

Biex jiġi evitat id-dubju, dawk **BISS** li kisbu Dottorat fil-Liġi, Dottorat fil-Mediċina u l-Kirurġija (mogħtija mill-Università ta' Malta), jew dawk li kisbu Dottorat fil-Mediċina Veterinarja, huma eliġibbli li japplikaw taħt din l-iskema iżda biex isegwu kwalifika fil-grad ta' Masters fil-Livell 7 tal-QMK jew Grad ta' Dottorat fil-Livell 8 tal-QMK. Dan japplika wkoll għall-applikanti kollha li diġà għandhom kwalifika fil-Livell 7 tal-QMK (bħalma pereżempju min għadu l-kwalifika ACCA).

4.1.4 Applikanti li diġa kisbu kwalifika ta’ Masters mhumiex eliġibli li japplikaw għal Masters ieħor imma jistgħu japplikaw biss biex isegwu kwalifika fil-Livel 8 tal-QMK.

4.1.5 Applikanti li diġà kisbu kwalifika fl-Livell 8 tal-QMK (Dottorat / Dottorat Professjonali) mhumiex eliġibbli biex japplikaw taħt din l-iskema.

4.1.6 L-applikanti għandhom jibdew il-programm ta’ studju tagħhom sal-31 ta’ Diċembru 2020.

4.1.7 Applikanti li diġà bdew il-programm ta’ studju tagħhom qabel it-13 ta' Lulju 2020 (it-tnedija tal-iskema) jistgħu japplikaw ukoll bil-kundizzjoni li d-data tat-tmiem tal-programm tagħhom għandha tkun fl-2021 jew wara. F'dan il-każ, l-applikanti huma eliġibbli għall-fondi b’effett mill-1 ta’ Jannar 2019 'il quddiem. Dawn l-applikanti xorta huma obbligati li jibagħtu l-ULA / Ittra ta’ Reġistrazzjoni skont il-Klawżola 3.31 sal-Ġimgħa, 9 ta’ Ottubru 2020 sa l-4.00 ta’ wara nofs inhar (Ħin lokali), fejn fiha l-Istituzzjoni Rikonoxxuta għandha tiddikjara wkoll in-numru ta’ snin akkademiċi li fadal biex jitlesta l-programm ta' studju / kors li għalih saret l-applikazzjoni u rapport ta’ progress tal-applikant s'issa.

4.1.8 Applikanti li, sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni jkunu għadhom għaddejjin minn programm ieħor ta’ studju jistgħu xorta japplikaw, kemm-il darba dan programm jispiċċa u r-riżultati tiegħu jiġu ppubblikati sa Diċembru 2020, qabel ma jsir il-ftehim tal-għotja tal-borża ta’ studju TESS.

4.1.9 L-Applikanti ma jistgħux jimpenjaw ruħhom fi programmi oħra ta' studji akkademiċi ħlief dak li jkun qiegħed jiġi sponsorjat għalih taħt din l-iskema matul iż-żmien tal-Borża ta' Studju.

4.1.10 Il-Formola tal-applikazzjoni kompluta għandha tiġi sottometta sa nhar il-**Ġimgħa, 31 ta’ Lulju 2020 f'nofsinhar (Ħin Lokali)**. It-Traskritti, l-ULA r-rapport tal-MQRIC jew kopja tal-irċevuta (fejn applikabbli) għandhom jiġu sottomessi sal **Ġimgħa, 9 ta’ Ottubru 2020 fl-4.00 ta’ waranofsinhar (Ħin lokali).**

4.1.11 F’każ li l-Applikant japplika għal Borża ta’ Studju biex isegwi programm ta' studju li jwassal għal kwalifika fil-Livell 7 tal-QMK, għandu jipprovdi **sal-Ġimgħa, 9 ta’ Ottubru, 2020 fis-4.00 ta’ waranofsinhar (Ħin lokali)**, ULA minn tal-inqas Istituzzjoni Rikonoxxuta waħda għal programm / kors fil- Livell 7 tal-QMK kif indikat fil-formola tal-applikazzjoni.

4.1.12 F’każ li l-applikant qed japplika għal Borża ta’ Studju biex isegwi programm / kors li jwassal għal kwalifika fil-Livell 8 tal-QMK, l-applikant sal-**Ġimgħa, 9 ta’ Ottubru, 2020 fis-4.00 ta’ waranofsinhar (Ħin lokali)** għandu jkollu:

- Kwalifika tal-ewwel ċiklu (Livell 6 tal-QMK); u / jew
- Kwalifika tat-tieni ċiklu (Livell QMK 7) fil-livell tal-Masters; u
- ULA minn mill-inqas Istituzzjoni Rikonoxxuta waħda għal programm / kors fil-Livell 8 tal-QMK kif indikat fil-Formola tal-applikazzjoni.

4.1.13 Applikant li jkun qiegħed jibda programm ta’ studju li jwassal għal kwalifika f’Livell 7 tal-QMK, imma parti mill-programm / kors huwa klassifikat f’Livell 6 tal-QMK, **MA**

**JKUNX eliġibbli** biex japplika taħt din l-iskema imma għandu jkun eliġibbli biex japplika taħt l-iskema *Malta Government Undergraduate Scheme* (MGUS).

4.1.14 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti, fil-pussess ta' kwalifiki f'Livell 5 tal-QMK jew ogħola mogħtija minn Istituzzjonijiet lokali jew barranin li mhijiex l-Università ta' Malta, Il-Kulleġġ Malti għall-Arti Xjenza u Teknologija jew mill-Istitut għall-Istudji Turistiċi sabiex jipprovdu rapport ta' evalwazzjoni jew irċevuta ta' applikazzjoni MQRIC dwar l-ekwivalenza u l-komparabilità tal-kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki ta' Malta (MQRIC) fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE) għal dawk l-istituzzjonijiet Edukattivi u kwalifiki li ma humiex inklużi fil-***"Lista ta' Korsijiet Akkreditati offruti minn Istituzzjonijiet Liċenzjati".*** Kopja ta' dan ir-rapport ta' evalwazzjoni jew irċevuta ta' applikazzjoni tal-MQRIC jew awtorità delegata fil-każ ta *warrants*, għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni.

Applikanti li m'għandhomx dan ir-rapport xorta jistgħu japplikaw, bil-kundizzjoni li jipprovdu kopja tar-rapport lill-Uffiċċju responsabbli mill-Iskema TESS meta dan id-dokument isir disponibbli, f'kull każ mhux aktar tard mill-**Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020 fl-4.00 ta' waranofsinhar (Ħin Lokali)**.

4.1.15 Impjegati tas-Servizz Pubbliku / Settur Pubbliku li jissottomettu applikazzjoni għal studji fuq bażi *full-time* huma meħtieġa li jagħmlu talba formali bil-miktub lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rispettiv tagħhom permezz tal-Kap tad-Dipartiment / Direttorat tagħhom, minħabba raġuni ta' ineliġibilità , sabiex jikkonferma jekk assenza tagħhom mix-xogħol tul tal-kors hijiex marbuta ma *leave* bi ħlas jew bla ħlas u jekk hux diġà konċess taħt dawk it-termini u l-kondizzjonijiet kif stabbiliti mill-Ministeru kkonċernat. L-approvazzjoni jew iċ-ċaħda ta' talba bħal din għandha tkun approvata mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru respettiv. Il-klawżola 13.7 ta' dawn ir-regolamenti għandha tapplika għal dawk l-applikanti eliġibbli b'leave ta' assenza mħallas approvat għat-tul tal-kors, li sussegwentment qed jibbenefikaw minn Borża ta' Studju.

4.1.16 Applikanti li għandhom għotjiet pubbliċi nazzjonali / UE (jew taħlita tat-tnejn) oħra jew boroż ta' studju nazzjonali / UE / Commonwealth (jew taħlita) għall-istess kors jew programm ta' studju għandhom jitqiesu bħala mhux eliġibbli li japplikaw taħt l-Iskema ta' Boroż ta' Studju ta' Edukazzjoni Terzjarja jekk għax notifikati u approvati mill-Bord tat-TESS. Kwalunkwe Boroż ta' Studju jew Għotjiet supplimentari oħra mogħtija lill-Benefiċjarju tal-Boroż ta' Studju għandhom jiġu nnotifikati lil u approvati mill-Bord tat-TESS, kemm jekk dawn jingħataw lill-applikant qabel ma jirċevi l-Iskema ta' Boroż ta' Studju TESS jew matul il-perjodu kollu tal-Boroż ta' studju. Fil-każ li applikant jingħata Borża ta' Studju TESS u l-MEDE tiskopri, li qabel jew wara li ngħatat il-borża ta' Studju TESS, li l-applikant qiegħed jibbenefika minn għotja pubblika nazzjonali / UE jew borża ta' Studju Nazzjonali, il-Benefiċjarju għandu jħallas lura l-ammont totali imħallas lilu/liha, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni legali li tista' tittieħed fil-konfront tal-benefiċjarju.

4.1.17 Applikanti li għandhom għotjiet pubbliċi nazzjonali / UE (jew taħlita tat-tnejn) oħra jew boroż ta' studju nazzjonali / UE / Commonwealth (jew taħlita tat-tnejn) għal kors differenti jew programm, għandhom itemmu l-ewwel kors u jissodisfaw l-obbligi kuntrattwali kollha qabel ma tingħata t-tieni Borża ta' Studju (f'livell ogħla).

4.1.18 L-applikanti jitqiesu ineliġibbli għal Borża ta' Studju jekk jiksru xi parti minn dawn ir-Regolamenti.

4.1.19 L-applikanti jistgħu japplikaw għal programmi ta' studju f'kull qasam ta' studju kif speċifikata fl-Iskeda Nru. I ta' dawn ir-Regolamenti.

## 5. Il-Mandat u Lokazzjoni

5.1 L-Applikanti jistgħu jibbenefikaw minn din l-Iskema jekk ikunu se jsegwu programm ta' studju li jkun akkreditat f'Istutuzzjoni lokali jewInternazzjonali rikonoxxuta mill-NCFHE sabiex jiġu kkunsidrati mill-Bord tal-Iskema tal-Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja.

5.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti, biex isegwu kwalifiki mogħtija minn Istituzzjonijiet lokali jew barranin li humiex l-Universita' tal-Malta, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija jew l-Istitut għall-Istudji Turistiċi, sabiex jipprovdu rapport ta' evalwazzjoni jew irċevuta ta' applikazzjoni tal-MQRIC dwar l-ekwivalenza u l-komparabilità tal-kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru ta' Informazzjoni ta' Rikonoxximent tal-Kwalifiki ta' Malta (MQRIC) fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzat u Ogħla (NCFHEgħal dawk l-Istituzzjonijiet Edukattivi u kwalifiki li mhumiex inklużi fil-***"Lista ta' Korsijiet Akkreditati offruti minn Istituzzjonijiet Liċnzjati"***. Kopja ta' dan ir-rapport jew irċevuta tal-applikazzjoni għandha tiġi mtella' mal-applikazzjoni. Applikanti li għad m'għandhomx dan ir-rapport jew irċevuta xorta jistgħu japplikaw, sakemm dan ir-rapport mill-MQRIC jitbagħat lill-Uffiċċju responsabbli mill-Iskema TESS sal-**Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020 fl-4.00 ta' waranofsinhar (Ħin lokali)**. Ir-rekwiżiti li jinsabu fi Klawżola 4.1.18 ta' dawn ir-Regolamenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

5.3 Iċ-Ċentru ta' Informazzjoni għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki ta' Malta (MQRIC) jista' jiġi kkuntattjat kif ġej:

Ċentru ta' Informazzjoni għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki ta' Malta (MQRIC) /
Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE)
Triq J. Abela Scolaro,
Ħamrun ĦMR1304
Nru. tat-telefown: 153
Imejl: qric.malta@gov.mt
Paġna elettronika: www.ncfhe.gov.mt

## 6. Għażla ta' Istituzzjoni

6.1 L-applikanti huma mistennija jidentifikaw mhux aktar minn ħames (5) Istituzzjonijiet Rikonoxxuti u programmi ta' studji / korsijiet li jaħsbu li huma l-aktar xierqa fl-applikazzjoni tagħhom onlajn. L-ebda tibdil ma jista' jsir fil-lista ta' istituzzjonijiet wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjoni, jiġifierisal-**31 ta' Lulju 2020 f'norsinhar (Ħin lokali).**

6.2 L-applikanti għandhom jissottomettu tal-inqas Ittra ta' Aċċettazzjoni bla Kondizzjonijiet (ULA) minn waħda mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta indikata fil-Formola tal-applikazzjoni tagħhom.

6.3 Ħafna korsijiet għandhom restrizzjonijiet ta' żmien, u l-applikanti għandhom jaraw x'hemm bżonn li jsir biex jassiguraw li jidħlu b'suċċess għall-kors ta' studju tagħhom qabel jagħmlu applikazzjoni għal Borża ta' Studju fl-Iskema TESS. L-applikanti għandhom jinnutaw li n-numru ta' istituzzjonijiet / dipartimenti tal-Università jitolbu li applikanti juru *Graduate Management Admission Test* (GMAT) jew *Graduate Record Examination* (GRE) qabel ma l-offerta għad-dħul fil-kors tkun tista' ssir. Miżati jew spejjeż marbutin ma' dawn it-testijiet mhumiex koperti mill-fondi tal-Iskema TESS. L-applikanti għandhom jiċċekkjaw ir-rekwiżiti relevanti sabiex jiġu aċċettati għall-kors tagħhom.

## 7. Amministrazzjoni ta' Skema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja

7.1 L-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja (TESS) hija amministrata mit-Taqsima tal-Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż fl-Edukazzjoni Terzjarja huwa responsabbli għall-proċess tal-għażla, il-klassifika u mis-sorveljanza ġenerali tal-Iskema.

Kull korrispondenza għandha tiġi indirizzata lil:

Skema ta' Boroż ta' Studju TESS
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol
Kamra 114,
Triq l-Assedju l-Kbir,
Floriana VLT 2000,
Malta
Nru. tat-telefown: 153
Imejl: tess.mede@gov.mt
Websajt: www.myscholarship.gov.mt

## 8. Applikazzjonijiet

8.1 B'relazzjoni mal-impenn ambjentali u responsabbilità soċjali tat-Taqsima ta' Boroż ta' Studju, **applikazzjonijiet huma aċċettati BISS onlajn**. L-applikanti huma mitluba japplikaw billi jaċċessaw is-sit eletroniku: *www.myscholarship.gov.mt.* L-applikanti irid ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-kont tal-e-ID validu sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw l-applikazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jiżguraw li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet sottomessa b'suċċess, li jżommu kopja tal-Formola tal-applikazzjoni u li jżommu wkoll kopja tal-irċevuta ġġenerata elettronikament. Din għandha sservi bħala prova li l-applikanti applikaw u li l-applikazzjoni tagħhom ġiet sottomessa b'suċċess u fil-ħin.

Kopja skennjata ta'dawn id-dokument għandha tiġi mtellgħa mall-applikazzjoni:

i. *Curriculum* Vitae bir-ritratt;

ii. Appendiċi I: Ir-relevanza tal-Istudju / Riċerka għat-Taqsima ta' Prijorità identifikata (magħżula mill-Iskeda 1);
iii. Appendiċi II: Ir-relevanza tal-Istudju / Riċerka għall-Prijoritajiet Strateġiċi ta' Malta u l-Istrateġiji UE2020;
iv. Appendiċi III: L-Impatt ta' Studju / Riċerka fuq l-iżvilupp ta' Malta.
v. Traskrizzjonijiet ta' rekords akkademiċi tal-applikant (jekk diġà disponibbli) ipprovduti mill-Korpi ta' Għoti / Istituzzjoni Edukattiva Ogħla
vi. Ittra ta' Aċċettazzjoni bla kundizzjonijiet għall-Istituzzjoni Rikonoxxuta (jekk hija diġà disponibbli);
vii. Rapporti ta' evalwazzjoni MQRIC / irċevuta (jekk diġà disponibbli u jekk hu meħtieġ);
viii. Dokument maħruġ mill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) lil applikant/a (fejn applikabbli).
ix. Permess ta' Residenza Permanenti (fejn applikabbli).

8.2 Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Edukazzjoni Terzjarja għandu jagħti importanza konsiderevoli lill-kontenut ta' dawn it-Taqsimiet fil-formola tal-applikazzjoni:

- Appendiċi I: Ir-relevanza tal-Istudju / Riċerka mal-Qasam ta' Prijorità identifikat (magħżul mill-Iskeda 1);
- Appendiċi II: Ir-relevanza tal-Istudju / Riċerka għall-Prijoritajiet Strateġiċi ta' Malta u l-istrateġiji UE2020;
- Appendiċi III: L-Impatt ta' Studju / Riċerka fuq l-iżvilupp ta' Malta.

**Għaldaqstant, il-Bord tat-TESS jista' jippenalizza applikanti li ma jissottomettux l-Appendiċi meħtieġa mal-formola tal-applikazzjoni.**

- Appendiċi I: L-applikanti li japplikaw għal Borża ta' Studju sabiex jappoġġjaw studji li jwasslu għal kwalifika fil-Livell 8 tal-QMK għandhom jissottomettu Proposta (Appendiċi 1) li ma tkunx inqas minn ħames mitt (500) kelma u mhux iktar minn elf (1000) kelma. L-applikanti li japplikaw għal kwalifika fil-Livell 7 tal-QMK għandhom jissottomettu ħarsa ġenerali ċara tar-relevanza tal-Istudju / Riċerka tagħhom għall-qasam ta' prijorità identifikata (Appendiċi 1) ta' mhux aktar minn tliet mitt (300) kelma.
- Appendix II: applikanti li japplikaw għal Borża ta' Studju sabiex jappoġġjaw studji li jwasslu għal Livell 8 tal-QMK jew Livell 7 tal-QMK għandhom jiddikjaraw ir-relevanza tal-istudju / riċerka tagħhom għall-Prijoritajiet Strateġiċi ta' Malta u l-Istrateġija UE2020 f'madwar tliet mitt (300) kelma.
- Appendiċi III: L-applikanti li japplikaw għal Borża ta' Studju sabiex jappoġġjaw studji li jwasslu għal Livell 8 jew 7 tal-QMK għandhom jiddikjaraw: x'inhu l-impatt probabbli tal-istudju / riċerka tagħhom fuq l-Iżvilupp ta' Malta f'madwar tliet mitt (300) kelma.

***F'kull każ l-għadd tal-kliem m'għandux jinkludi referenzi, biblijografiji jew notiaddizzjonali.***

8.3 L-applikanti huma mistennija li jelaboraw aktar matul l-intervista.

8.4 Il-Bord responsabbli għall-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja għandu jippenalizza l-applikanti li jonqsu milli jipprovdu d-dokumenti obbligatorji korretti. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-applikazzjoni titqies bħala mhux kompluta u għalhekk mhix eliġibbli.

8.5 Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-**Ġimgħa, 31 ta' Lulju 2020 f'nofsinhar (Ħin lokali)** kif muri fuq is-sistema tal-Aġenzija tal-Informatika għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (MITA).

Fil-każ tar-rapport tal-evalwazzjoni / irċevuta tal-MQRIC, Traskritti / Rekords Akkademiċi, Ittra ta' Aċċettazzjoni bla Kundizzjonijiet (ULA) **BISS**, id-data hija estiża sal-**Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020, fl-4.00 ta' waranofsinhar (Ħin lokali).**

8.6 Dokumenti oħra relatati iżda mhux imtellgħin mal-applikazzjoni għandhom jintbagħtu lill-Uffiċċju TESS permezz ta' imejl fuq l-indirizz elettroniku: ***tess.mede@gov.mt***

8.7 Applikazzjonijiet li jintbagħtu tard u jew mhux kompluti ma jiġux ikkunsidrati mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Edukazzjoni Terzjarja. L-applikanti huma mħeġġa sabiex ma jħallux sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni, minħabba problemi teknoloħiċi li jistgħu joħolqu diffikultajiet biex tintbagħat l-applikazzjoni onlajn. Il-Ministeru għal-Edukazzjoni u x-Xogħol ma jinżammx responsabbli għal dewmien minħabba dawn id-diffikultajiet.

8.8 L-applikanti għandhom jaraw li japplikaw onlajn sad-data tal-għeluq kif stipulat f'dawn ir-regolamenti. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja u l-Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju ma jistgħux jikkunsidraw petizzjonijiet minn applikanti li jinsistu li ssottomettew applikazzjoni mingħajr evidenza tanġibbli.

## 9. Eliġibbiltà, Proċess ta' Għażla u Proċedura

9.1 Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ħatar Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja biex iħaddem il-proċess tal-għażla. Dan il-Bord huwa responsabbli minn dak kollu li għandu x'jaqsam mal-proċess tal-għazla skont kriterji diġà stabbiliti, kif identifikati fi Klawżola 10.1 u d-determinazzjoni ta' għotjiet xierqa skont ir-Regolamenti.

9.2 L-applikanti li jinsabu eliġibbli jissejħu għal intervista. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jaraw li jkunu disponibbli fid-data u l-ħin li jingħatalhom għall-intervista. Ma jistgħux isiru arranġamenti alternattivi għad-data u l-ħin ieħor sakemm ma jkunx hemm xi ċirkostanzi partikulari, bi prova ta' dokument xieraq, li għalih jista' jintalab arranġament ieħor. Iċ-ċirkostanza partikulari tiġu eżaminati, u l-ġurnata u l-ħin alternattivi jingħataw wara qbil bejn il-membri fid-diskrezzjoni tal-Bord. L-intervisti huma mistennija li jsiru bejn Settembru u Ottubru, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn 8.30 ta' filgħodu sas-6.30 ta' filgħaxija jew kif ikun meħtieġ

Applikanti li ma jattendux għall-intervista jitqiesu li mhumiex aktar interessati u għalhekk jitqiesu ineliġibbli mill-Bord, sakemm l-applikant ma jinfurmax lill-Uffiċċju responsabbli

mill-Iskema jew il-Bord tal-Iskema TESS li ma jistax/tistax j/tattendi minħabba ċirkostanzi partikolari.

Applikanti eliġibbli li japplikaw għal borża ta' studju biex isegwu programmi f'Livell 8 tal-QMK ikunu meħtieġa jippreparaw Preżentazzjoni Powerpoint għall-intervista tagħhom.

9.3 Fil-każ ta' applikanti li ma jistgħux jattendu fid-data u l-ħin partikolari għall-intervista minħabba li jkunu diġà barra minn Malta, l-intervista ssir permezz ta' SKYPE fid-data u l-ħin mgħoti **biss**. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż fl-Edukazzjoni Terzjarja ma jassumix responsabbiltà jekk l-intervista ma ssirx minħabba xi raġuni teknika. F'każijiet eċċezzjonali, tista' tingħata ġurnata u ħin alternattiv għall-intervista dejjem skont iċ-ċirkostanza li tkun wasslet sabiex l-intervista ma ssirx.

9.4 Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol waqqaf ukoll Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju biex jittratta l-appelli mressqa mill-applikanti wara li jkunu ġew infurmati bil-miktub dwar id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Edukazzjoni Terzjarja (Irreferi wkoll għall-Klawżola 9.6).

9.5 F'każ li applikant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja, l-applikant biss jista' jippreżenta petizzjoni bil-miktub permezz ta' posta rreġistrata indirizzata lill-Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju jew b'imejl fuq l-indirizz elettroniku ***scholarshipsappeals.mede@gov.mt***. Din il-korrispondenza trid tasal fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mid-data tal-korrispondenza mibgħuta mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja. Fl-appell, l-applikant irid jiddikjara b'mod ċar ir-raġunijiet għalfejn hu / hi qed j/tikkontesta d-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja.

9.6 Il-Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju għandu jindirizza biss appelli li jirriżultaw minn deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja dwar kwistjonijiet relatati mal-proċedura jew dwar interpretazzjoni tar-Regolamenti f'termini ta' eliġibilità, għotjiet u deċiżjonijiet oħra relatati mal-għoti ta' Boroż ta' Studju. Taħt l-ebda ċirkostanza m'għandu l-Bord tal-Appelli jibdel ir-Regolamenti, il-punteġġ li l-applikanti li jirriżulta minn intervisti li jkunu saru mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż fl-Edukazzjoni Terzjarja, jew jibdel il-klassifikazzjoni ta' applikant bħala riżultat ta' tali punteġġ.

9.7 Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju hija finali u konklużiva.

## 10. Kriterji tal-Għażla

10.1 L-applikazzjonijiet huma kkunsidrati fuq il-bażi tal-kriterji tal-għażla hekk kif ġej:

a) Il-mertu akkademiku tal-applikant (20%) – Jitqiesu biss kwalifiki li jibdew minn Livell 5 tal-QMK;
b) Kif l-istudju / riċerka huma relatati mal-Qasam ta' Prijorità identifikata – Appendiċi I (25%);

ċ) Ir-rilevanza tal-istudji / riċerka għall-ekonomija lokali – Appendiċi II (20%);
d) L-impatt tal-istudji / riċerka fuq l-iżvilupp ta' Malta – Appendiċi III (20%);
e) Esperjenza ta' xogħol preċedenti fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni li japplika għaliha u / jew taħdem ma' organizzazzjonijiet volontarji (15%).

10.2 Fil-każ li applikanti jġibu marki ndaqs, il-modalità ta' studju tal-programm (preferenza għandha tingħata lill-programmi fl-ordni li ġejja *ceteris paribus*):

- L-ewwel preferenza - Programmi ta' studju *full-time*;
- It-tieni preferenza - Programmi ta' studju *part-time*;
- It-tielet Preferenza - Programmi ta' studju *distance learning*.

10.3 Studenti b'diżabilità u li ma jkollhom l-ebda possibbiltà li jsegwu programm ta' studju fuq bażi *full-time* jew *part-time*, u l-programm ta' tagħlim isir fuq bażi ta' *distance learning*, għandhom jingħataw l-ewwel preferenza bl-istess mod bħal dawk li japplikaw biex isegwu programmi *full-time*.

Fil-każ ta' applikanti li jiġu kkonsidrati, il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja għandu jikkonsulta aktar mal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) sabiex jevalwa n-natura tad-diżabilità fir-rigward ta' aktar studji u jekk din id-diżabilità għandhiex tiġi kkunsidrata għall-iskop ta' dan l-artiklu.

10.4 Applikant jitqies li jkun għadda mill-intervista jekk jikseb pass mark (jiġifieri 50% tal-marki allokati) fil-kriterji (b), (ċ) u (d) aktar 'il fuq. Bil-ksiba ta' *pass mark* ma jfissirx li borża ta' studju tiġi mogħtija.

## 11. Tipi ta' Boroż ta' Studju u l-Valur tal-Għotjiet

11.1 L-applikanti għandhom ikunu applikaw għal programm ta' studju li jwassal għal kisba ta' kwalifika fil-Livell 7 jew 8 tal-QMK Livell[1].

11.2 Applikanti li jingħataw Borża ta' Studju għandhom ikunu disponibbli sabiex jibdew il-programm / kors tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2020.

11.3 Lawrji konġunti jew programmi li jinqasmu f'diversi siti jistgħu jiġu kkunsidrati sakemm tkun ipprovduta dokumentazzjoni li tindika l-istituzzjoni li qiegħda fl-ogħla grad.

11.4 Il-livelli u l-modalità tal-programmi / korsijiet eliġibbli taħt din l-iskema u l-valur tal-għotjiet huma nklużi fit-tabella hawn taħt għall-faċilità ta' referenza:

[1] Aktar informazzjoni dwar il-Qafas Malti għall-Kwalifikazzjoni (QMK) tinkiseb mill-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla jew mill-websajt http://ncfhe.org.mt/. Għal skopijiet ta' tqabbil, Livell QMK 8 huwa ekwivalenti għal-Livell ISCED 8. Għal aktar informazzjoni dwar ISCED (International Standard Cassification of Education), għandkom iżżuru **http://www.uis.unesco.org/Education/Documents/isced-2011-en.pdf.**

| Livell ta' Programm skont il-QMK | Data tal-Bidu | Modalitá | Tul ta' Żmien Massimu għall-Għotjiet ta' Manteniment | Għotja skont il-Borża ta' Studju |
|---|---|---|---|---|
| *Livell 7* | Programmi ta' studju li huma **itwal minn sentejn** u li nbdew wara t--13 ta' Lulju 2020. | *Part-Time / Distance Learning* | Sa massimu ta' 5 snin. | Miżati edukattivi/*Bench Fees* (fejn applikabbli) sa €8,000 għat-tul kollu tal-programm. |
| *Livell 7* | Programmi li nbdew qabel it--13 ta' Lulju 2020. | *Part-Time / Distance Learning* | Iżda li d-data tat-tmiem trid tkun fl-2021 jew wara sa massimu ta' 5 snin b'kollox. | Miżati edukattivi/*Bench Fees* (fejn applikabbli) sa €8,000 għat-tul kollu tal-programm. (Ara Klowsola 4.1.6)<br>F'dan il-każ, il-grant jinħadem pro rata fuq is-snin kollha tal-programm. |
| *Livell 7* | Programmi ta' studju li huma **itwal minn sentejn** u li nbdew wara t-13ta' Lulju 2020. | *Full-time* | Sa massimu ta' 4 snin. | Miżati edukattivi + *Bench Fees* (fejn applikabbli) + Għotja ta' Manteniment (L-Għotja ta' Manteniment ma tistax taqbeż l-€2500 – total ta' €8,000 kull sena b'kollox. |
| *Livell 7* | Programmi ta' Studju li nbdew qabel it-13 ta' Lulju 2020. | *Full-time* | Iżda li d-data tat-tmiem trid tkun fl-2021 jew wara sa massimu ta' 4 snin b'kollox. | Miżati edukattivi + *Bench Fees* (fejn applikabbli) + Għotja ta' Manteniment (L-Għotja ta' Manteniment ma tistax taqbeż l-€2500 – total ta' €8,000 kull sena b'kollox. (Ara Klowsola 4.1.6).<br>F'dan il-każ, il-grant jinħadem pro rata fuq is-snin kollha tal-programm. |
| *Livell 8* | Programmi ta' studju li nbdew wara it-13 ta' Lulju 2020. | *Part-Time / Distance Learning* | Sa massimu ta' 7 snin. | Miżati edukattivi + *Bench Fees* (fejn applikabbli) sa €20,000 għat-tul kollu tal-programm. |
| *Livell 8* | Programmi ta' Studju li nbdew qabel it-13 ta' Lulju 2020 | *Part-Time / Distance Learning* | Iżda li d-data tat-tmiem tal-programm trid tkun fl-2021 jew wara sa massimu ta' 7 snin b'kollox. | Miżati edukattivi + *Bench Fees* (fejn applikabbli) sa €20,000 għat-tul kollu tal-programm.<br>(Ara Klowsola 4.1.6).<br>F'dan il-każ, il-grant jinħadem pro rata fuq is-snin kollha. |
| *Livell 8* | Programmi ta' studju li nbdew wara it-13 ta' Lulju 2020. | *Full-time* | Sa massimu ta' 5 snin. | Miżati edukattivi + *Bench Fees* (fejn applikabbli) + Għotja ta' Manteniment (L-Għotja ta' Manteniment ma tistax taqbeż l-€2500 – total ta' €10,500 kull sena b'kollox. |
| *Livell 8* | Programmi ta' studju li nbdew qabel it-13 ta' Lulju 2020 | *Full-time* | Iżda li d-data tat-tmiem tal-programm trid tkun fl-2021 jew wara sa massimu ta' 5 snin b'kollox. | Miżati edukattivi + *Bench Fees* (fejn applikabbli) + Għotja ta' Manteniment (L-Għotja ta' Manteniment ma tistax taqbeż l-€2500 – total ta' €10,500 kull sena b'kollox.<br>(Ara Klowsola 4.1.6).<br>F'dan il-każ, il-grant jinħadem pro rata fuq is-snin kollha. |

11.5 **Programmi / Korsijiet *full-time*:**

Fejn il-miżati għat-tagħlim u tal-bench fees jammontaw għal-limitu massimu indikat jew iktar, l-ebda għotja ta' manteniment ma titħallas peress li l-grant kollu jkun assorbita sal-massimu fil-miżati tat-tagħlim u l-*bench fees*. Massimu ta' € 2,500 biss jista' jitħallas bħala għotja ta' manteniment kull sena.

11.6 L-grant kollhu għandu jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata* għat-tul kollu tal-kors ibbażat fuq in-numru ta' xhur. L-għotja ta' manteniment, fejn applikabbli, għandha titħallas f'żewġ pagamenti matul kull sena akkademika.

11.7 Il-miżati ta' tagħlim u / jew *Bench fees* għandhom jitħallsu mill-benefiċjarju tal-Borża ta' Studju direttament lill-Istituzzjoni Rikonoxxuta. Il-miżati mħallsa mill-istudent jiġu rimborżati meta jiġu ppreżentati kemm il-fattura tal-Istituzzjoni Rikonoxxuta kif ukoll l-irċevuta uffiċjali oriġinali tal-ħlas jew ekwivalenti (jiġifieri fattura rċevuta fejn applikabbli) maħruġa mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta li tirċievi. Il-benefiċjarji huma obbligati li jipprovdu lista ta' transizzjonijiet mill-Bank bħala prova tal-pagamenti.

11.8 Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja jista' jikkunsidra estensjoni għat-tlestija tal-istudji. **Estensjoni waħda BISS** wara d-data tat-tlestija indikata fil-Ftehim ta' boroż ta' studju tista' tiġi kkunsidrata mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja. Kwalunkwe talba għall-estensjonijiet għandha tiġi ndirizzata lill-Bord tal-Iskema ta' Boroż fl-Edukazzjoni Terzjarja, u trid tkun appoġġjata mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta. Kull talba għall-estensjoni hija fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Iskema ta' Boroż fl-Edukazzjoni Terzjarja biex japprova jew mod ieħor. Matul il-perjodu ta' estensjoni, l-ebda fondi ma jiġu allokati jew imħallsa.

11.9 Ħlasijiet ta' Boroż ta' Studju huma effettwati kif ġej:

- Għal studji fuq bażi *full-time*, il-ħlas għall-miżati tat-tagħlim u / jew *bench fees* isir fil-kont tal-bank tal-benefiċjarju mal-preżentazzjoni tal-fattura/i, l-irċevuta/i u d-dikjarazzjoni bankarja (kif applikabbli). Il-ħlas ta' għotja ta' manteniment (jekk ikun applikabbli) huwa maqsum f'żewġ pagamenti: 50% fil-bidu ta' sena akkademika u l-50% li jkun baqa' jitħalsu wara li l-Uffiċċju tat-TESS ikun irċieva rapport sodisfaċenti ta' nofs is-sena direttament mingħand s-supervisor.

- Għal programmi ta' tagħlim *part-time* u distance learning, il-pagamenti jsiru mal-preżentazzjoni ta' fattura / i, irċevuti u / jew rendikont tal-bank (kif applikabbli)

## 12. Għotjiet Addizzjonali

12.1 Għal benefiċjarju magħżul mill-Bord tal-Għażla tal-Boroż ta' Studju tal-Edukazzjoni Terzjarja u li qiegħed isegwi studji fuq bażi *full-time* f'istituzzjoni rikonoxxuta barranija barra minn Malta, jingħata elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500) fis-sena. Dan l-ammont għandu jkun b'żjieda mal-ammonti tal-grant kif msemmija hawn fuq u għandu jingħata biex ikopri spejjeż addizzjonali relatati ma' studju barra mill-pajjiż - sakemm studju barra jfisser, residenti barra (jiġifieri barra minn Malta) matul il-programm ta' studju. Il-prova tar-residenza barra l-pajjiż għandha tiġi pprovduta minn żmien għal żmien. Il-Bord jirriserva d-dritt li jitlob lill-applikant jippreżenta kwalunkwe evidenza oħra tar-residenza tiegħu / tagħha barra l-pajjiż. Jekk evidenza oħra bħal din ma tiġix ippreżentata, il-Bord jista' jiddeċiedi li jitlob rifużjoni ta' din l-għotja jekk tkun diġà tħallset. Il-benefiċjarju huwa intitolat għal din l-għotja jekk hu / hi j/tippreżenta *Boarding Pass* li juri d-dettalji tat-titjira u d-destinazzjoni, kif ukoll jimla d-dikjarazzjoni fuq il-formola intitolata "Konferma tal-Formola ta' Residenza" li għandha timtela mal-iffirmar tal-Ftehim. Għal aktar definizzjoni tal-Għotja għal Studju Barra minn Malta, jekk jogħġbok ikkonsulta l-Klawżoli 3.23 u 3.26 ta' dawn ir-Regolamenti.

Benefiċjarji fi programmi edukattivi *part-time* jew distance learning, li matul il-kors tal-istudji tagħhom huma meħtieġa jattendu sessjonijiet fiżikament fuq il-kampus fl-Istituzzjoni barranija kif indikat fuq l-ULA tagħhom, jew fuq il-programm ta' studju tagħhom, se jkunu intitolati għal mitejn ewro (€200) għal kull żjara barra l-pajjiż soġġett għall-provvediment tal- *Boarding Pass* u ittra ta' konferma mill-Istituzzjoni rispettiva tagħhom li tikkonferma l-iskop taż-żjara tagħhom, sa massimu ta' elfejn u erba' mitt euro (€ 2,400) fuq 12 perjodu ta' xahar.

12.2 **Benefiċjarju tal-Boroż ta' Studju bit-Tfal**

Għal benefiċjarji ta' Borża ta' Studju bit-tfal jew li għandhom kustodja legali ta' tfal u li qegħdin isegwu kors *full-time*, huma intitulati għal għotja għat-tfal li titħallas bir-rata ta' elf, mija u sebgħin ewro (€ 1,170) fis-sena għall-ewwel wild, u seba' mitt ewro (€700) fis-sena għal kwalunkwe tifel / tifla addizzjonali taħt is-sittax-il sena (16), kemm-il darba dawn ikunu qed joqogħdu mal-ġenitur / i tagħhom. Din l-għotja titħallas flimkien mal-ammonti msemmija hawn fuq. Din l-għotja titħallas lil wieħed mill-benefiċjarji meta ż-żewġ ġenituri / gwardjani legali jirċievu għotja minn din l-iskema jew minn kwalunkwe skema oħra ta' Boroż ta' Studju mill-Gvern ta' Malta, jew parzjalment iffinanzjata mill-Gvern ta' Malta. Bħala prova biex tkun tista' titħallas din l-għotja addizjonili, il-benefiċċjarji iridu jippreżentaw dikjarazzjoni iffermata u ttimbrata min Nutar Publiku li jrid ikun wkoll *Commissioner of Oaths* fejn fiha jikkonferma l-isem/ismijiet tal-wild/ulied, id-data/dati tat-twelid u l-konferma li l-wild/ulied qed jgħixu mal-benefiċċjarju.

12.3 **Dawk li jirċievu l-istudju li huma miżżewġin / f' Unjoni Ċivili Legali:**

Benefiċjarju li hu miżżewweġ / f'Unjoni Ċivili Legali, u mogħti Borża ta' Studju f'istituzzjoni rikonoxxuta barranija li l-kampus tagħha huwa barra minn Malta u l-istudji jsiru barra minn Malta fuq bażi *full-time*, għotja addizzjonali ta' elfejn, tliet mija u tletin euro (€2,330) fis-sena huwa pagabbli basta li ż-żewġ membri ta' din l-unjoni rikonoxxuta legalment joqogħdu flimkien fl-istess indirizz f'Malta fid-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, u jkomplu jgħixu flimkien barra mill-pajjiż matul il-programm ta' studji.

Prova li l-benefiċjarju u l-konjuġi / membru l-ieħor tal-unjoni ċivili jgħixu barra l-pajjiż għandhom jingħataw minn żmien għal żmien matul il-perjodu kopert mill-Borża ta' Studju kollha. L-għotja addizzjonali għandha titħallas *pro rata* meta l-konjuġi / il-membru tal-unjoni rikonoxxuta legalment ma jkunx barra mill-pajjiż matul il-programm ta' studju kollu. Jekk jogħġbok ikkonsulta l-Klawżola 3.26 dwar kif tiġi kkalkulata din l-għotja. Dokumenti oħra jistgħu jintalbu mill-Uffiċċju responsabbli mill-Boroż ta' Studju skont il-bżonn.

## 12.4 Benefiċjarji Residenti Għawdxin li jistudjaw f'Malta

Benefiċjarji residenti f'Għawdex, u li qegħdin isegwu programm ta' studju jew kors *full-time* f'Malta, għandhom ikunu intitolati għal suppliment ta' manteniment addizzjonali ta' elf u ħamsin ewro (€1,050) fis-sena għat-tul tal-kors. Sabiex jibbenefika minn din l-għotja addizzjonali, l-applikant għandu jippreżenta Ċertifikat ta' Tmiem l-Iskola u / jew Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja minn kwalunkwe Skola Sekondarja ta' Għawdex u / jew skola post-sekondarja ta' Għawdex. Dan iċ-ċertifikat irid juri li l-applikant attenda mill-inqas tliet snin fi skola f'Għawdex.

## 12.5 Benefiċjarji b'diżabilità

Benefiċjarji li għandhom diżabilità li jibdew studji *full-time* fuq il-kampus barra mill-pajjiż jistgħu wkoll jitolbu sussidju addizzjonali sabiex jikkontribwixxu għall-ispejjeż miżjuda mġarrba minħabba d-diżabilita' tagħhom. Kull talba bħal din għandha tiġi evalwata mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż każ b'każ. L-ammont massimu li l-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju jista' jħallas lura huwa sa elfejn euro (€2,000) fis-sena, bil-kundizzjoni li jiġu ppreżentati fatturi oriġinali biex isostni r-rifużjoni.

Benefiċjarji li għandhom diżabilità li tista' tfixkel il-moviment ħieles tagħhom, u li jibdew studji *part-time* jew b'distance learning, f'Istituzzjoni Edukattiva Ogħla (HEI) barranija (inkluż Università / Korp li Jagħti l-Kwalifiki)) u jistgħu jkunu meħtieġa jattendu żjarat barra l-pajjiż bħala parti integrali mill-istudji tagħhom, jistgħu jkunu eliġibbli għal rifużjoni massima ta' elfejn euro (€ 2,000) għall-istudji, bil-kundizzjoni li jiġu ppreżentati l-irċevuti oriġinali biex isostnu t-talbiet. Każijiet bħal dawn jiġu eżaminati mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' studju, u l-eliġibilità għal finanzjament bħal dan tkun iddeterminata fuq każ b'każ.

## Tabella 2 – Għotjiet Addizzjonali

| Livell QMK | Modalità | Għotja ta' Manteniment | Studju Barra minn Malta | Żjarat Barra minn Malta | Benefiċjarji bi tfal taħt is-16-il sena) | Konjugi (miżżewġin /f'unjoni ċivili li qegħ Din jistudjaw fuq il-kampus full time | Benefiċjarji residenti f'Għawdex u li qegħdin jistudjaw full time f'Malta | Persuni b' Diżabilita' (li għandhom bżonn assistenza biex jistudjaw full-time/ part-time / Distance Learning |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **7** | Full-Time | Irreferi għal Tabella 1 | €2,500 | X | €1,170 kull sena għall-ewwel wild; €700 kull sena għat-tieni wild | €2.330 kull sena | €1,050 kull sena | €2,000 kull sena |
| **7** | Part-Time / Distance Learning | X | X | €200 kull żjara, sa €2,400 kull sena | X | X | X | €2,000 li jkopri l-perjodu kollu |
| **8** | Full-Time | Irreferi għal Tabella 1 | €2,500 | X | €1,170 kull sena għall-ewwel wild; €700 kull sena għat-tieni wild | €2.330 kull sena | €1,050 kull sena | €2,000 kull sena |
| **8** | Part-Time / Distance Learning | X | X | €200 kull żjara, sa €2,400 kull sena | X | X | X | €2,000 li jkopri l-perjodu kollu |

X = Mhux applikabbli

## 13. Kundizzjonijiet oħra ġenerali għal din l-għotja

13.1 Il-kundizzjonijiet ġenerali f'din it-taqsima japplikaw għall-applikanti kollha taħt l-iskema u għall-benefiċjarji kollha tat-TESS.

**Fażi tal-Applikazzjoni**

13.2 L-applikanti għandhom ikunu mistennija li jfittxu approvazzjoni minn qabel tal-viża (fejn applikabbli) għal kwalunkwe studju propost barra mill-pajjiż.

13.3 Benefiċjarji li, fil-ULA tagħhom, għandhom indikat li qed jattendu programm ta' studju *full-time* barra t-territorju Malti, imma jkollhom *Placement, internship* jew kwalunkwe forma ta' impjieg ieħor f'Malta, jiġu awtomatikament ikkunsidrati bħala studenti *part-time* / distance learning, u l-għotja (grant) tagħhom se tiġi kkalkulata u kkunsidrata fuq l-istess linji kif speċifikat għall-programmi *part-time* / distance learning.

13.4 Fil-każ ta' benefiċjarji li huma impjegati b'kuntratti ta' impjieg *full-time* u li jirċievu assenza skużata mħallsa jew paga sħiħa bi dmirijiet imnaqqsa, l-għotja għandha tkun ristretta biex tkopri biss il-miżati tat-tagħlim u l-*bench fees*. F'tali każijiet, l-ebda għotja ta' manteniment u l-ebda għotja addizzjonali m'għandha tiġi allokata.

13.5 Għotjiet supplimentari ta' Boroż ta' Studju jew għotjiet supplimentari għall-istess kors ta' programm ta' studju għandhom jiġu ddikjarati fl-intervista jew qabel ma jiġu aċċettati formalment l-għotjiet l-oħra. Id-dikjarazzjonijiet kollha jeħtieġu approvazzjoni mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju. Kwalunkwe għotja supplimentari mhux approvata ta' Boroż ta' Studju jew għotja supplimentari addizzjonali għall-Iskema ta' Boroż ta' Studju għall-istess kors jew programm għandha titqies li qegħda tikser il-ftehim. Bħala riżultat, tal-kanċellament tal-għotja u r-rifużjoni tal-fondi kollha mogħtija sa dak iż-żmien għandhom ikunu meħtieġa mill-Bord tal-Għażla. Il-Bord iqis dan bħala frodi u jista' jipproċedi b'rikors ta' responsabbiltà kriminali kontra dawk il-benefiċjarji.

13.5.1 Meta għotja Supplimentari ta' Boroż ta' Studju jew Għotja Supplimentari tkopri l-Miżati ta' Tagħlim kollha u / jew il-ħlas għall-*Bench Fees*, l-Iskema ta' Boroż ta' Studju ma tkoprix l-Miżati ta' Tagħlim u / jew il-*Bench Fees*.

13.5.2 Meta għotja Supplimentari ta' Boroż jew Għotja Supplimentari tkopri parti mill-Miżati ta' Tagħlim u / jew il-*Bench Fees*, l-Iskema ta' Boroż ta' Studju għandha tkopri l-bqija tal-Miżati tat-Tagħlim u / jew il-*Bench Fees* mhux koperti, sakemm il-limiti tal-Klawżola 11 ma jinqabżux.

13.5.3 Meta għotja Supplimentari ta' Boroż ta' Studju jew Għotja ta' Boroż ta' Studju ma tkunx maħsuba biex tkopri Miżati ta' Tagħlim u / jew *Bench Fees*, allura l-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju għandu jirriżerva d-dritt li jirrevedi l-ammont tal-għotja tal-Iskema ta' Boroż ta' studju.

13.5.4 Meta programm ta' studju / kors fl-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST) u l-Istitut għall-Istudju Turistiċi (ITS) huwa eliġibbli għal grant (inkluż Għotja ta' Manteniment u / jew Stipendju) minn fondi

lokali, l-ammont tal-għotja jiġi mnaqqas mill-grant ta’ Manteniment eliġibbli taħt din l-iskema.

**Fażi ta’ Għotja Proviżorja**

13.6 L-applikanti jiġu notifikati bil-klassifikazzjoni tagħhom mill-Bord responsabbli mill-Boroż ta’ Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

13.7 Il-benefiċjarju għandu jingħata abbozz ta’ Ftehim li jistipula t-termini u l-kundizzjonijiet tal-għotja. Il-Bord tal-Iskema ta’ Boroż ta’ Studju jirriżerva d-dritt li jirrevedi u li jikkanċella l-għotja proviżorja jekk informazzjoni ġdida tiżvela kwalunkwe bidla fl-informazzjoni jew il-kundizzjonijiet li tagħmel lill-Benefiċjarju proviżorju ineliġibbli għall-Benefiċjarju tal-Borża.

13.8 Il-benefiċjarju għandu jikkonkludi u jiffirma l-ftehim sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara l-bidu tal-programm tal-istudju jew wara l-pubblikazzjoni tal-klassifika (*Ranking Order*), skont liema tiġi l-aħħar sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor. Nuqqas ta’ preżentazzjoni ta' ftehim iffirmat sad-data preskritta għandu jwassal biex din il-borża tgħaddi fuq applikanti oħra skont il-grad rispettiv tagħhom. Bħala parti mill-iffirmar tal-Ftehim, il-Benefiċjarju għandu jkun meħtieġ jimla numru ta’ formoli, inklużi TR / S-9, il-Formola tal-Konferma tar-Residenza u forom oħra li jistgħu jiġu kkomunikati minn MEDE.

13.9 Jekk jinqala' xi kunflitt bejn l-interpretazzjoni tal-klawżoli fir-Regolamenti u l-Ftehim, ir-Regolamenti għandhom jipprevalu.

13.10 Il-benefiċjarju huwa mistenni li jieħu l-għotja tal-Boroż ta’ studju mid-data ddikjarata mill-Bord tal-Iskema tal-Boroż fil-Ftehim. Jekk għal xi raġuni, l-applikant ma jistax jibda l-istudju tiegħu / tagħha fid-data ddikjarata fil-Ftehim, jew jeħtieġ data tal-bidu differenti, huwa / hija obbligat/a li jinforma lill-Bord tal-Iskema tal-Boroż kemm jista’ jkun malajr. Il-Bord responsabbli mill-Iskema ta’ Boroż ta’ Studju jirriżerva d-dritt, fuq notifika ta’ tali intenzjoni, li jirrevedi d-data tal-bidu jew inkella li jikkanċella l-Borża ta’ Studju jekk il-bidliet jimplikaw il-bidla tad-data tal-bidu bi ksur tal-Klawżola 11.2.

13.11 Il-Bord tal-Iskema ta’ Boroż ta’ Studju TESS jirriserva d-dritt li jippubblika l-ismijiet tal-applikanti magħżula proviżorjament għall-Boroż ta’ Studju fuq il-websajt tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u fuq in-*notice board* prinċipali tal-MEDE Uffiċċju tal-*Customer Care*, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, il-Florjana. Fl-applikazzjoni għal għotja, l-applikant jagħti l-kunsens għal pubblikazzjoni bħal din fil-każ li l-applikazzjoni tiegħu / tagħha tirnexxi.

**Fażi ta’ Għoti bil-Kuntratt**

13.12 Il-Bord tal-Għażla jirriserva d-dritt li jippubblika l-ismijiet tal-benefiċjarji fuq il-websajt ***www.myscholarship.gov.mt.***

13.13 Il-Boroż ta’ Studju ma jistgħux jiġu estiżi biex jippermettu li benefiċjarji jtemmu kwalifika addizzjonali jew ogħla minbarra dik li għaliha saret l-għażla.

13.14 Benefiċjarji ma jistgħux jimpenjaw ruħhom fi programmi oħra ta' studju ħlief dak li jkun qiegħed jiġi sponsorjat taħt din l-iskema matul iż-żmien tal-Borża ta' Studju.

13.15 Kwalunkwe proprjetà intellettwali inklużi brevetti li jirriżultaw direttament minn jew derivati mix-xogħol ta' riċerka iffinanzjat mill-Boroż ta' Studju u mwettqa mill-benefiċjarju għandu jkun kopert minn ftehim dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (IPR) li jirrikonoxxi li x-xogħol ta' riċerka mwettaq, huwa ffinanzjat parzjalment mill-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja.

13.16 L-Iskema ta' Boroż ta' Studju dwar l-Edukazzjoni Terzjarja m'għandhiex tfittex li tikseb xi drittijiet fi proprjetà intellettwali proprjetà tal-Istituzzjoni Rikonoxxuta u / jew tal-persuna benefiċjarja.

13.17 Mal-għoti ta' Borża ta' Studju, MEDE għandu jagħmel l-informazzjoni miksuba disponibbli għall-awtoritajiet pubbliċi għal skopijiet ta' responsabbiltà.

13.18 Benefiċjarji li jkunu taw informazzjoni falza jew li b'xi mod żammew informazzjoni li kienet tinfluwenza l-għoti tal-Boroż ta' Studju u / jew kwalunkwe għotja skont dawn ir-Regolamenti, għandhom jiġu skwalifikati immedjatament u għandhom jiġu mitluba jħallsu lura kwalunkwe spejjeż u flus mogħtija lilhom jew f'isimhom. Il-Bord jista' jipproċedi b' kawża ta' responsabbiltà kriminali, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni ċivili għal danni, kontra l-persuna benefiċjarja ikkonċernata.

**Progress u Tkomplija**

13.19 Kull sitt (6) xhur, il-benefiċjarju tal-Boroż ta' Studju għandu jitlob lis-superviżur tal-fakultà tagħhom biex jissottomettu lill-MEDE dikjarazzjoni qasira li tikkonferma l-progress u l-attendenza tal-persuna benefiċjarja. Nuqqas li tasal din l-informazzjoni jista' jwassal għal waqfien fil-ħlasijiet ta' aktar ħlasijiet parzjali tal-Borża ta' Studju.

13.20 Jekk persuna benefiċjarja tispiċċa l-programm ta' studju / kors tagħha qabel id-data tat-tlestija indikata fil-Ftehim tal-Borża ta' Studju tagħha, iridu jiġu rifużi l-Għotja ta' Manteniment u għotjiet oħra li jkunu tħallsu żejda, skont id-data tat-tlestija kkomunikata mill-Istituzzjoni Edukattiva Uffiċċju responsabbli mill-Boroż ta' Studji. .

13.21 Mat-tlestija tal-istudji, id-dokumentazzjoni ta' hawn taħt għandha tiġi sottomessa lill-Uffiċċju tal-Għotjiet ta' Manteniment u Boroż ta' Studju fi żmien xahrejn (2) mill-għoti tal-kwalifika:

1. Rapport Finali (direttament mill-istituzzjoni permezz ta' imejl), fejn l-Universita' tikkonferma li l-benefiċjarji ikunu irċeva l-kwalifika;
2. Kopja elettronika tat-titlu u l-paġni tal-kontenut tat-teżi / dissertazzjoni / xogħol ta' riċerka u l-*abstract* li trid tinkludi l-pubbliċita'
3. Traskritt u jew iċ-Ċertifikat Uffiċjali tal-għotja tal-kwalifika.

***Id-Dokumentazzjoni b'format elettronku u PDF għandha tintbgħat lill-Uffiċċju responsabbli mill-iskema TESS f'dan l-indirizz: tess.mede@gov.mt***

13.22 Meta tingħata l-Borża ta' Studju, il-benefiċjarji għandhom jaċċettaw li l-MEDE għandu jkollu d-dritt li jippubblika l-pubblikazzjonijiet kollha minn dawk li jirċievu l-Boroż ta' Studju, inkluża kull pubblikazzjoni li toħroġ mit-teżi għandha tintbagħat f'format elettroniku lill-Uffiċċju responsabbli mill-Boroż ta' Studju, fi żmien tletin (30) jum minn meta tiġi ippubblikata.

13.23 Il-benefiċjarji kollha huma mistennija jiktbu mill-inqas artiklu wieħed dwar ix-xogħol / l-istudji tagħhom fil-midja pubblika Maltija fi żmien sittin (60) jum mill-gradwazzjoni tagħhom, waqt li matulhom huma jirrikonoxxu pubblikament li l-kwalifika twettqet wara l-għoti ta' Skema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja. Dawn l-artikli jistgħu jiġu ippubblikati fuq il-websajt tal-Unità tal-Boroż - MEDE. Il-benefiċjari għandhom jipprovdu kopja elettronika tal-artiklu.

13.24 Il-pubblikazzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-programm ta' studju li jkun sponsorjat mill-Iskema ta' Boroż ta' Studju ta' Edukazzjoni Terzjarja għandhom jirriflettu r-rikonoxximent li ġej fl-ewwel paġni tax-xogħol tat-teżi / tal-proġett: ***Ix-xogħol ta' riċerka ippreżentat f'din il-pubblikazzjoni huwa ffinanzjat mill-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja.***

## 14. F'każ li l-Studju Jintemm Qabel it-Tlestija

14.1 Benefiċjarji li għal kwalunkwe raġuni jwaqqfu l-istudji tagħhom għandhom jinfurmaw lill-Bord tal-Iskema tal-Boroż ta' Studju bil-miktub minnufih.

14.2 Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż tal-Edukazzjoni Terzjarja għandu, fi żmien tletin (30) ġurnata, b'avviż bil-miktub itemm l-għotja jekk -

- il-progress tal-applikant huwa meqjus bħala mhux sodisfaċenti mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta;
- l-applikant iwaqqaf l-istudji; u / jew
- applikant qed jikser kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u ma jirrimedjax il-ksur fi żmien tletin (30) jum minn meta jirċievi avviż bil-miktub li jirrikjedi li jagħmel hekk.

14.3 Meta benefiċjarju ikollu l-għotja ta' Borża ta' Studju mitmuma taħt kondizzjonijiet stipulati fil-Klawżola 14.2, l-istess Bord għandu jiddetermina l-ammont li għandu jitħallas lura. Ir-rifużjoni għandha ssir fi żmien tliet (3) xhur min-nuqqas tal-kors jew in-nuqqas ta' tlestija tal-kors tal-istudji skont il-każ.

14.4 Benefiċjarji m'għandhomx jitqiesu li qegħdin jiksru dawn ir-regolamenti BISS f'każ ta' mard serju u mewt tal-benefiċjarju. F'każ ta' mard serju, il-benefiċjarju għandu jipprovdi ċertifikati mediċi u testimonjanzi lill-Bord. Għalhekk, benefiċjarji li ma jistgħux isegwu aktar studji minħabba mard serju jistgħu jintalbu jirrifondu għotjiet fuq bażi *pro rata* kif approvati mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż u fid-diskrezzjoni tagħhom.

F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-persuna benefiċjarja tal-Boroż ta' Studju għandha tipprovdi spjegazzjoni ġustifikabbli dwar għalfejn il-kors ma ġiex komplut jew għaliex il-persuna benefiċjarja ma kisbitx il-kwalifika. Evidenza dokumentata, ċertifikati mediċi u dokumenti għandhom jakkumpanjaw kull talba. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja bl-ebda mod m'għandu jkun marbut li jirrinunzja għat-talbiet kollha

mressqa.  L-istess Bord jirriserva d-dritt li jaħtar l-espert tiegħu stess, kemm jekk mediku jew mod ieħor, biex jagħti pariri u jivvaluta l-każ tal-persuna benefiċjarja.

## 15. Informazzjoni

Għal aktar mistoqsijiet u informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

Uffiċċju TESS
Skema Boroż ta’ Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja
Kamra 114,
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol
Triq l-Assedju l-Kbir,
Il-Floriana  VLT 2000
Nru. tat-telefown: 153
Imejl: tess.mede@gov.mt
Websajt: www.myscholarship.gov.mt

Jekk jogħġbok innota li l-websajt uffiċjali tal-Iskema ta’ Boroż tal-Edukazzjoni Terzjarja hija **www.myscholarship.gov.mt**. La l-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta’ Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja, u lanqas it-taqsima responsabbli mill-Boroż ta' Studju - MEDE, m'għandhom jassumu responsabbiltà għal kwalunkwe informazzjoni mhux korretta misjuba fuq websajts oħra fir-rigward tal-Iskema ta' Boroż ta’ Studju ta' Edukazzjoni Terzjarja.

## 16. Skeda I
## Oqsma ta' Studju li għandhom Priorita' skont it-termini ta' Klawżola 4.1.17
***Għal skopijiet ta' koerenza, l-ismijiet tal-oqsma ta' studju li ġejjin tħallew bl-Ingliż.***

**Industriji Kreattivi, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Films
- Graphic and multimedia designers
- Design

**Edukazzjoni, Servizzi Edukattivi Internazzjonali, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Andragogy
- Career guidance
- University and higher education teachers/lecturers
- Vocational/Professional education and training

**Studji Ambjentali, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Ecology
- Green economy and sustainability
- Resource efficiency building
- Sustainable product design and innovation ecosystem
- Sustainable manufacturing

**Finanzi, li tinkludi imma mhumiex limitata għal:**

- Accountancy
- Auditing
- Banking
- Compliance and regulatory requirements
- Fund administration
- Risk Management
- Tax specialisations

**Is-Saħħa, li tinkludi imma mhix limitata għal :**

- Medicine (General Practice, Specialised Medical)
- Nursing
- Personal Care (home based for aged or disabled persons)
- Pharmacy

**Humanities u l-Arti, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Anthropology
- Archaeology
- Cultural Heritage and Restoration
- History
- Geography
- Languages (Maltese/Italian /French/German/Latin/Spanish…)
- Philosophy
- Sociology
- Translation, Terminology and Interpreting Studies

**Teknoloġija ta' l-Informatika u tal-komunikazzjoni, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Artificial Intelligence
- Blockchain
- Cloud Computing
- Computer Engineering (Hardware & Software)
- Computer networking
- Computer Programming
- E-Business/Digital Marketing
- Gaming Developing
- Games Presenting
- Search Marketing
- Security
- Site Developing
- Systems analytics
- Tech Developing

**Affarijiet Internazzjonali u Internli jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Conflict Resolution
- Diplomatic Studies
- European Studies
- Governance in Small States
- Humanitarian Action
- International Relations
- Mediterranean Studies
- Migration
- National Secutrity

**Studji Maniġerjali li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Business Administration (MBA)
- Business Ethics
- Business and Entrepreurship
- Leadership and Organisational Behaviour
- Logistics and Supply Chain
- Project Management

**Studju marbutin mal-Qasam Marittimu, li tinkludi imma li mhix limitata għal:**

- Shipping, Ship Handling, out-of-dock servicing and logistics
- Maritime Law
- Adding Value to Artisanal Fishing

**Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika, li tinkludi imma li mhix limitata għal:**

- Advanced manufacturing
- Architecture and Civil Engineering
- Aviation Maintenance Engineering
- Bioinformatics
- Chemistry

- Electronics Engineering
- Genomics
- Geology Geophysics/space
- Life Sciences
- Molecular Biology
- Oceanography

**Is-Servizzi u r-*Retail;* li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Entrepreneurship
- Equipping retail
- Retail Management

**It-Turiżmu u l-Istudji tal-Ospitalita' li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Business Tourism
- Cruise Liners Services
- Cultural Tourism
- Eco-Tourism
- Educational Tourism
- English Language Teaching to Speakers of other Languages (such as DELTA & TESOL)

**It-Trasport u l-Loġistika, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Aircraft Maintenance and Registration
- Merchant Shipping
- Ship Modification and Registration
- Ship Management and Ship Repair
- Super Yachting Services
- Yachting Crew Training

**Studju marbutin mal-qasam Veterinarju, li tinkludi imma li mhix limitata għal:**

- Veterinary Sciences
- Veterinary Services
- Veterinary Care